MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 11/2012

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti A B u l-intimat C D m'humiex mizzewgin izda frott tar-relazzjoni taghhom twieldu zewgt ulied, u cioe` L u J D u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati bhala Dok. MM1 u MM2 rispettivament;
2. Illi llum il-gurnata r-relazzjoni ta' bejniethom tkissret b'mod irrimedjabbli;

3. Illi l-intimat ilu mahrub barra mill-gzejjer Maltin sa’ mill-25 ta’ Settembru 2008 minhabba dejn kbir li ghamel ma’ terzi kif ukoll minhabba dejn iehor, fosthom mad-Dipartiment tal-VAT u huwa konxju mill-fatt li jekk jittanta jerga’ jidhol fil-gzejjer Maltin, jigi arrestat immedjatament;
4. Illi l-minuri L u J D jirrisjedu mar-rikorrenti ommhom li effettivament ghandha l-kura u l-kustodja ta’ l-istess minuri. Tant hu hekk, li mid-data msemmija fil-paragrafu precedenti u cioe` meta l-intimat harab mill-pajjiz, kienet ir-rikorrenti li b’mod esklussiv hadet hsieb lill-ulied, kif wara kollox ghadha taghmel;
5. Illi minkejja diversi interpellanzi verbali da parti tar-rikorrenti, minn mindu harab mill-gzejjer Maltin, l-intimat xorta naqas milli jhallas manteniment ghal uliedu u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;
6. Illi huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li r-rikorrenti tigi fdata bil-kura u l-kustodja taz-zewg minuri L u J D u dan ukoll kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;
7. Illi *stante* li l-intimat mhux qieghed fil-gzejjer Maltin, l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma setghetx issehh u konsegwentement, ir-rikorrenti giet awtorizzata tintavola l-kawza odjerna u dan kif inhu evidenzjat mid-Digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti datat l-24 ta’ Novembru tas-sena 2011 (ara Dok. MM3 hawn anness);

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara u tikkonferma l-kura u l-kustodja tal-minuri L u J ahwa D f’idejn ir-rikorrenti ommhom b’mod esklussiv;
2. Tiffissa somma adegwata ghall-manteniment ghall-minuri, liema manteniment ghandu jinkludi wkoll l-edukazzjoni u sahha taz-zewg minuri;
3. Tordna lill-intimat sabiex ihallas din is-somma hekk likwidata direttament lir-rikorrenti f’kont bankarju ndikat mill-istess rikorrenti f’data ffissata minn din l-Onorabbli Qorti kull xahar;
4. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tapplika ghall-passaporti relattivi tal-minuri minghajr il-kunsens jew il-firma tal-intimat;

5. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex issiefer barra minn Malta flimkien mal-ulied minghajr il-firma jew il-kunsens tal-intimat;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat illi l-kuraturi deputati ma pprezentawx risposta u ghalhekk huma kontumaci f'din il-kawza;

Semghet lix-xhieda illi tressqu, id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici tghid illi iltaqghet mal-konvenut tramite kollega taghha. Ghall-ewwel kienu hbieb, izda umbaghad bdew johorgu flimkien. Dak iz-zmien il-genituri taghha kienu qeghdin jipprovaw ibieghu id-dar tal-Gzira biex jixtru ohra tas-Sliema u peress li l-konvenut kien kuntrattur hareg bl-ideja li jixtri id-dar hu stess ghall-izvilupp. Ghalhekk tkellmu mal-genituri tal-attrici u sussegwentement marru ghand Nutar u ghamlu il-ftehim. Il-konvenut xtaq jizviluppa id-dar, izda peress li ma kellux flus f'idejh, missier l-attrici kien hallaslu insurance sa kemm il-konvenut ibiegh il-blokka u effettivament sal-gurnata tallum il-konvenut ghandu jaghti lill-missier l-attrici disa' telef lira Maltin (LM9,000). Il-konvenut dak iz-zmien kellu relazzjoni ma haddiehor illi bdiet tippressah sabiex jizzewgu, izda il-konvenut kien telaqha. L-attrici tkompli tghid illi fl-ewwel date li kellha mal-konvenut, tkellmu dwar il-fatt illi xtaqu jibdew familja flimkien. Il-konvenut kien imdahhal sew fil-business u kien jaghtiha l-impressjoni li kien ragel sew u kien ghalhekk illi bdiet ir-relazzjoni taghha mieghu. L-attrici tkompli tghid li f'Gunju tas-sena 2004 harget tqila bl-ewwel tarbija. Dak iz-zmien kienet tahdem full-time fi sptar privat. Kollox kien ghaddej sew sa kemm il-konvenut beda jghid illi kien sejjer lura

finanzjarjament u kellu jibda ibiegh certu affarijiet bhal vetturi, li kienu jiswew il-flus. Sussegwentement saret taf illi il-konvenut kien qieghed jilghab man-nar u in-negozju tieghu beda sejjer hazin. Huwa beda jitlobha ghall-flus indirettament biex ihallas l-impjegati u ghad-diesel ghall-van tieghu. Kien staqsiha ukoll tghinu jiftah kumpanija ghalihom it-tnejn u ried jiftah hanut tal-helu. Ghalhekk talabha tissellef il-flus fuq isimha u weghda li kien ser ihallas il-loan hu b’pagamenti kull xahar. L-attrici baqghet tahdem shift ta’ bejn ghaxar u tnax il-siegha kuljum u kienet thallas id-dejn u l-impjegati li kellu il-konvenut. Fis-sena 2005 twieled it-tifel il-kbir tal-partijiet u spiccat tixtri kollox hi ghat-tarbija. L-attrici tkompli tirrakkonta li xahar wara li twieldilha it-tifel, kellha tirritorna ghax-xoghol ghal tlett sieghat kulljum peress li l-konvenut ma kienx qieghed jaghtiha flus u kellha thallas l-ispejjez kollha hi. L-attrici finalment kellha titlaq mill-impjieg taghha u kienet qeghda tghix fuq il-karita tal-familjari taghha. L-attrici kompliet tghid illi fis-sena 2006, darba minnhom kien cemplilha il-manager tal-bank dwar il-loan illi kien ha il-konvenut u li kienet dahlet responsabbli ghaliha hi ukoll. L-affarijiet komplew jikkomplikaw ruhhom, id-dejn kompla jizdied u sfortunatament l-attrici tghid illi regghet harget tqila mill-konvenut. Dak iz-zmien il-manager tal-bank kien icemplilha b’mod regolari u il-problemi mal-konvenut dejjem kienu qeghdin jaggravaw. Fis-sena 2007 il-konvenut introduciha ma habib gdid tieghu barrani u qalilha li kien qieghed jaghmel in-negozju mieghu. Wara it-twelid tat-tieni tarbija, l-attrici tghid illi il-konvenut kien jevitaha u kien joqghod barra il-gurnata kollha. Missierha kien rega ta xi flus lill-konvenut biex jipprova jiftah xi negozju iehor, izda kollox rega sfaxxa fix-xejn. L-attrici kienet thallas id-dejn tal-konvenut biex tevita problemi legali mal-kredituri tieghu. Fis-sena 2008, u fuq parir tal-genituri taghha, l-attrici finalment kellha il-kuragg biex tittermina ir-relazzjoni taghha minn mal-konvenut. Finalment l-attrici tghid illi il-konvenut qalilha li kien sejjer l-Ingilterra u effettivament qatt ma rega` gie lura lejn Malta peress li hawn wisq nies illi ghandu jaghtihom il-flus. L-attrici tghid illi il-konvenut telaq u halliha f’bahar ta’ inkwiet peress illi kien hemm hafna dejn fosthom mad-Dipartiment tal-VAT u bdiet tibza li minhabba l-ingann tal-konvenut,

kienet ser tispicca il-habs. L-attrici tghid illi l-konvenut ghadu jheddida sa issa, izda hi tipprova taghmel kollox biex tinjorah ghaliex hu minn mindu telaq u abbanduna lil kullhadd specjalment lill-uliedhom. Kienet hi li refghet ir-responsabbilita tat-tfal minghajr l-ebda forma ta' ghajnuna da parti tal-konvenut. Il-konvenut halliha trabbi lit-tfal wahedha u halliha tipprova issolvi il-problemi kbar u d-djun li kien halla warajh hu. L-attrici qalet ukoll illi l-konvenut ma huwiex kapaci irazzan, jew jikkontrolla il-finanzi tieghu u qatt ma kien kapaci biex jiehu hsieb lit-tfal u effettivament qatt ma mantnihom, jew rabbihom u lanqas biss jistaqsi kif sejrin l-iskola. L-attrici xehdet illi hija hadet parir u fethet il-kawza odjerna fejn talbet illi tinghata il-kura u il-kustodja ta' uliedha peress illi issib hafna problemi meta jitolbuha ghall-firma ta' missierhom. Hija qalet ukoll illi hemm bzonn illi il-konvenut jifhem illi irid jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' uliedu.

Illi xehdet omm l-attrici, hu l-attrici Antoine B, u il-habiba taghha Joan Montanaro illi ikkollaboraw ix-xiehda tal-attrici.

Illi xehdet ukoll l-Ispettur Yvonne Farrugia illi ikkonfermat illi f'Marzu tas-sena 2012 il-pulizija kienet irceviet kwerela minghand l-attrici li permezz taghha l-attrici talbet lill-pulizija tinvestiga kaz kontra il-konvenut fejn matul l-ahhar snin kien hajjarha taghmel business mieghu, kienet spiccat tat isimha, izda kien il-konvenut li kien jiehu hsieb l-operat tan-negozju. Matul is-snin li l-attrici kienet imdahhla fin-negozju tal-konvenut l-partijiet kienu hadu loan mill-bank, izda l-affarijiet kienu marru hazin hafna u l-attrici spiccat b'hafna djun. L-Ispettur Farrugia xehdet illi l-konvenut ma giex investigat ghaliex qieghed l-Ingilterra u hemm proceduri sabiex il-konvenut jingieb Malta biex jigi investigat fuq frodi. L-Ispettur Farrugia xehdet illi il-pulizija ghandha bzonn tinvestiga lill-konvenut dwar frodi, misappropjazzjoni u falsifikazzjoni ta' dokumenti u il-pulizija ghandha bizzejjed provi sabiex, jekk il-konvenut jigi Malta tressqu quddiem il-Qorti.

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi l-attrici irnexxielha tipprova illi l-konvenut mhuwiex kapaci jiehu hsieb lill-uliedu minuri. Effettivament qatt ma ha ir-rwol ta’ missier, qatt ma ghen fit-trobbija taghhom u qatt ma hallsilhom manteniment. Mhux talli hekk, talli ghamel hafna djun f’Malta li ghalih kellha b’xi mod thallas l-attrici u il-familjari taghha u abbanduna lill-attrici u lill-uliedu minuri. Harab lejn l-Ingilterra biex jahrab mill-kredituri u halla lill-attrici f’bahar kbir ta’ inkwiet u djun intortament.

Ghaldaqstant il-Qorti tara illi  jkun ghaqli ferm illi tilqa t-talbiet kollha attrici u b’hekk takkorda il-kura u il-kustodja tal-minuri L u J ahwa D f’idejn l-attrici b’mod esklussiv.

Il-Qorti rat ukoll illi il-konvenut ghandu id-dover illi imantni lill-uliedu minuri u ma tkunx l-attrici biss illi tkun mghobbija b’dan il-piz.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa it-talbiet kollha attrici u fir-rigward tat-tieni talba attrici tiffissa is-somma ta’ erba’ mitt ewro (€400) kull erba gimghat liema somma irid ihallasha il-konvenut ghall-manteniment tal-minuri, liema manteniment jinkludi ukoll l-ispejjez ghall-edukazzjoni u is-sahha taz-zewg minuri.

Bl-ispejjez kontra il-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------